KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL

15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483

Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

14 ta’ Marzu 2013

**Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita’ tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar il-Gimgha 22 ta’ Frar 2012 fis-7.15pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Anthony Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.

L-attendenza kienet ta' madwar 8 persuni.

**Bidu tal-laqgha:**

Is-Sindku fetah il-laqgha billi spjega l-iskop ta' din il-laqgha li huwa li l-Kunsill jispjega lir-residenti dwar x’sar fil-lokalita’ fis-sena precedenti u jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti, kif tkun ser tigi riflessa fl-estimi annwali u li hija okkazjoni biex ir-residenti jressqu xi suggerimenti jew ilmenti li jkollhom sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Matthew Paris, lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, lill-Kunsillier Vincent Borg u lill-Kunsillier Anthony Brincat sabiex jaghtu rendikont tal-hidma taghhom matul din l-ahhar sena.

## 1.0 IL-VICI-SINDKU MATTHEW PARIS

Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li ghalkemm l-elezzjoni tas-Sitt Kunsill kienet bdiet bl-intoppi u dan minhabba li ma kienx qed ikun hemm qbil dwar il-futur tal-Kunsill, xorta wahda l-Kunsill kien wasal ghal arrangament sabiex jaqdi d-dmirijiet tieghu lejn ir-residenti Furjanizi. Huwa qal li dakinhar kien ghamel stqarrija li kien ser jibqa' jsegwi fejn ser jizgura li l-manifesti taz-zewg partiti politici jigu implimentati f'din il-legislatura. Il-Vici Sindku qal li hija xi haga pozittiva li jkun hemm xi argumenti bejn il-kunsillieri izda jinsab perswaz li lkoll kemm huma ghandhom ghal qalbhom il-lokalita' tal-Floriana u r-residenti taghha.

Huwa qal li l-lokalita' tal-Floriana dejjem tikber fl-aspett turistiku, fejn ta' kuljum izuruha numru kbir ta' cruise liners u turisti u fejn tospita numru ta' lukandi ta' fama tajba. Huwa kompla jghid li kien ghalhekk li kien hemm bzonn li l-Floriana tkompli ttejjeb il-prodott taghha.

Il-Vici Sindku qal li hu kontra li l-Floriana sservi ta' parkegg estensiz ghall-vetturi li jzuru l-Belt kapitali u ghall-komunita' kummercjali tal-Belt. Qal li hu ma jaqbilx lanqas mal-proposta li jsiru xi mhazen tal-Karnival fil-lokalita' u sostna li flimkien hemm bzonn li nahdmu biex din il-proposta ma titwettaqx.

Il-Vici Sindku kompla billi ta rendikont ta' numru ta' inizjattivi li saru jew ser isiru mill-Kunsill:

### Skema Kordinatur tat-triq

Il-Vici Sindku qal li kien ippropona li tinholow skema bl-sem ta' "kordinatur tat-triq" fejn ir-residenti gew imsejjha jaghtu l-ghajnuna taghhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jtejjeb il-lokalita'. Huwa qal li s'issa kien hemm madwar ghaxar persuni li kienu urew l-interess li jsiru l-kordinatur tat-triq taghhom. Il-Vici Sindku kompla billi qal li kien hemm il-hsieb li jsir seminar zghir sabiex ikun jista' jigi spjegat car l-irwol ta' kordinatur. Il-Vici Sindku qal li l-kordinatur mhux qieghed hemm biex jissostitwixxi lill-kunsillier izda biex jghin lill-Kunsill billi jressaq problemi jew ilmenti partikolari li jigu nnotati fit-triq u dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jtejjeb il-prodott finali tieghu.

### Talba lil Transport Malta rigward Triq il-Kapuccini

Il-Vici Sindku qal li kienet saret talba lil Transport Malta sabiex ma jithallewx jghaddu iktar vetturi msejjha heavy vehicles minn Triq il-Kapuccini u dan wara li hafna residenti kienu lmentaw dwar dan. Huwa qal li kienu gew proposti toroq alternattivi li jistghu jintuzaw minflok Triq il-Kapuccini.

### Skema ta' First time buyers

Il-Vici Sindku qal li kien ippropona li tinholoq skema ghal first time buyers fejn il-Kunsill jalloka ammont ta' flus fis-sena ghal din l-iskema biex ikun jista' jghin nies li jkunu ser jixtru l-ewwel dar taghhom, proprjeta' fil-Floriana. Huwa qal li din l-iskema ser isservi sabiex il-Kunsill ikompli jattira iktar nies fil-Floriana. Il-Vici Sindku qal li l-idea ghal din l-iskema kienet giet minhabba l-problema kbira li ghandha l-lokalita' fir-rigward tal-housing. Il-Vici Sindku qal li jekk din l-iskema tkun success, il-Kunsill ikun qed izid anke fl-allokazzjoni tieghu u dan minhabba li l-allokazzjoni li jinghata l-Kunsill mill-gvern centrali tinhadem a bazi ta' kemm ikun hemm residenti fil-lokalita'.

**Floriana Business Community**

Il-Vici Sindku qal li hu jhoss li hemm bzonn li tigi fformata Floriana Business Community u dan minhabba li hemm hafna azjendi li joperaw fil-lokalita' u ghalhekk tajjeb li tigi fformata din il-komunita' sabiex tkun tista' tressaq l-ilmenti taghha.

Il-Vici Sindku Matthew Paris semma wkoll dawn il-punti li saru f'din l-ahhar sena bl-ghajnuna jew fuq proposta tieghu:

- Ghall-ewwel darba kien gie propost li r-residenti Furjanizi jigu offruti parkegg b'xejn dakinhar tal-kuncert Isle of MTV u dan minhabba li dan il-kuncert kien qed jikkawza problemi ta' parkegg kbar ghar-residenti.

- Ittiehdet azzjoni sabiex ir-rampi ta' taht il-logog fi Triq Sant'Anna jsiru non slip u dan ghas-sigurta' tar-residenti

- Giet proposta l-idea li jsir grouting mill-gdid fi Triq il-Miratur, Triq San Publju u Pjazza San Publju

- Saret applikazzjoni ghal tisbih ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi li kienet giet approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar u kienet tressqet l-applikazzjoni quddiem il-MEPA

- Gie moghti wicc gdid bl-asfalt fi Pjazza San Kalcidonju

- Ser tinhareg expression of interest relatata mat-tnehhija ta' aerials minn fuq il-bjut. Il-Vici Sindku qal li l-isky line tal-Floriana hija mtappna minhabba numru ta' aerials li hemm fuq il-bjut u ghalhekk kienu ser jigu avvicinati xi kumpaniji li joffru servizz digitali u non digitali li jaghtu prezz issussidjat lir-residenti ghat-tnehhija tal-aerials

- Flimkien mal-Kunsillier Vincent Borg, kien hadem fuq il-progett ta' Triq l-Argotti u Triq l-Iljun

- Flimkien mal-Kunsilliera Davina Sammut Hili, kien hadem sabiex tigi organizzata l-Floriana Fest kif ukoll ic-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena li minhabba intoppi kbar, kellha tigi organizzata fi zmien 24 siegha.

- Bl-Ghajnuna tas-Segretarju, kien tkompla x-xoghol mibdi mill-Kunsill precedenti ghal kreazzjoni ta' websajt gdida ghall-Kunsill Lokali Floriana, li issa saret fil fazi finali taghha.

Il-Vici Sindku qal li dawn kienu whud mill-progetti li saru f'din l-ahhar sena bl-ghajnuna tieghu. Huwa qal li ghalkemm kien sar hafna xoghol, kien ghad fadal iktar x'isir u ghalhekk ta rendikont ta' x' jixtieq li jsir fil-gejjieni:

- Progett fullscale tal-lokalita' tal-Floriana li jsir fi Pjazza ES Tonna, fejn hemm il-masgar. Qal li din kienet ser tkun mappa to scale tal-lokalita'.

- Corporate Social responsability: Qal li din kienet proposta abbinata mal-Floriana Business Community fejn il-Kunsill ikollu fond li minnu jibbenefikaw l-ghaqdiet tal-lokalita' u nies fil-bzonn.

- Studju dwar numru ta' proprjetajiet vakanti kemm privati kif ukoll tal-Gvern li hemm fil-lokalita'.

- Tigi indirizzata s-sitwazzjoni hazina taz-zona maghrufa bhala taht il-Forka li hemm bzonn li tigi rrangata.

Il-Vici Sindku Matthew Paris ikkonkluda billi qal li l-ikbar sfida tal-lokalita' hija l-problema tal-housing fejn huwa fatt li l-ammont ta' votanti huwa ta' 1900 u l-popolazzjoni Furjaniza hija wahda li qed tikber f'termini ta' eta. i.e. Aging population. Il-Vici Sindku qal li l-istatistika hija inkwetanti u dan minhabba li l-lokalita' mhiex f'sitwazzjoni fejn taffordja tibqa' miexja b'dan ir-ritmu peress li qed jonqsu iktar nies milli jizdiedu. Qal ghalhekk li l-priorita' ghandha tkun li jittejjeb il-prodott tal-lokalita' u dan anke sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jahdem ghar-residenti tal-Floriana.

## 2.0 IL-KUNSILLIERA DAVINA SAMMUT HILI

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet billi rringrazzjat lil dawk kollha prezenti.

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li f'din l-ahhar sena hija kienet giet mahtura Sindku temporanja ghal tliet xhur minhabba li kienet l-iktar kunsilliera li gabet voti mill-partit li gab l-iktar voti. Hija kompliet billi qalet li matul il-perjodu taghha bhala Sindku kienu saru diversi affarijiet fosthom:

- Zjarat lil Dar il-Mistrieh u lill-iSkola Primarja
- Laqghat mal-Perit tal-Kunsill dwar Triq l-Argotti u Triq l-Iljun
- Hasil ta' bankini fil-lokalita'
- Gew installati diversi wi-fi spots sabiex ikunu jistghu jintuzaw kemm mir-residenti kif ukoll minn dawk li jzuru l-lokalita'
- Zieda ta' bankijiet fiz-zona maghrufa bhala Balzunetta
- Tindif fiz-zona maghrufa bhala taht il-Forka kif ukoll zieda ta' bins. Qalet li din iz-zona ghandha bzonn li tinghata attenzjoni kbira u dan minhabba li din hija l-unika zona li l-Furjanizi jistghu jaghmlu uzu minnha fix-xhur tas-Sajf
- Zieda ta' cat cafés
- Twahhil ta' mirja godda fi Triq Sant'Anna
- Tindif hdejn l-SPCA
- Zabra ta' sigar fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u fi Gnien Sir Luigi Preziosi u zieda ta' xtieli
- Irrangar ta' culverts fil-madwar ta' Binja Vilhena
- Thawwil ta' xtieli quddiem il-Knisja u tnehhija ta' haxix hazin minn Gnien Vilhena u mit-triq li taghti ghall-garaxxijiet tal-Gvern

- Diskussjonijiet mal-Pulizija dwar il-bini mgarraf li hemm fi Triq il-Kapuccini

- Talbiet ghal spezzjonijiet mill-Pulizija f'inhawi li huma l-iktar maghrufa ghall-abbuz ta' drogi, ecc in partikolari hdejn l-AGFA, hdejn il-monument ta' Dante Alighieri u hdejn il-health centre

- Wara diversi xhur nieqsa twahhlu tliet fanali ornamentali li kienu qed jigu restawrati

- Bidla tal-arblu fi Triq John Lopez

- Hasil tat-tarag li jaghti ghal Xatt Lascaris

- Tiswija ta' hofor fit-Telgha tal-Kurcifiss

- Rapporti lill-ARRIVA dwar l-iskart li qed jithalla mix-xufiera u dwar l-overspeeding. Kien gie suggeriet ukoll li r-rotta nru 133 tibda' tieqaf fi Triq San Frangisk.

- Tqassim ta' merchandise fl-isports day tal-iskola primarja marbut ma' Jum l-Ewropa

- Tressqet proposta biex jitwahhlu tabelli ta' direzzjoni ghas-Sea Terminal

- Gie iffirmat il-kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex issir manutenzjoni fuq 21 binja

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-hidma taghha kompliet anke bhala Kunsilliera u semmiet il-punti t'hawn taht:

- Flimkien mal-Kunsillier Vincent Borg, kienet saret proposta sabiex titranga u tigi spustjata r-rampa li hemm taht il-logog fi Triq Sant'Anna minhabba li kienet perikoluza

- Giet moghtija l-opportunita' lil zewgt itfal Furjanizi sabiex jiehdu sehem fl-Akkademja ta' Justin Haber u dan sabiex it-tfal ikunu jistghu jidhlu minneta' zghira fid-dinja tal-isports.

- Ressqet proposta sabiex jitwahhlu xi tabelli fi Gnien il-Mall biex jingabar il-hmieg tal-annimali

- Harga ghan-nisa kull xahar

- Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq b'mod kontinwu

- Talba ghal zieda fid-dawl fi Triq l-imhazen li konsegwentament giet irrifjutata mill-Enemalta minhabba li ma nhassx il-bzonn

- Tqassim ta' ktieb tezor lit-tfal tal-ewwel klassi tal-iskola primarja

- Fi zmien il-Milied organizzat Christmas carols flimkien mal-Iskola primarja tal-Floriana fi toroq tal-lokalita'.

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ser tkompli dejjem tahdem u tistinka favur ic-cittadin u r-resident Furjaniz u kkonkludiet billi ghal darb'ohra rringrazzjat lil dawn prezenti.

## 3.0 IL-KUNSILLIER VINCENT BORG

Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi rringrazzja lir-residenti Furjanizi talli ghal darb'ohra regghu eleggewh bhala kunsillier kif ukoll tal-ammont kbir ta' voti li gew moghtija lill-Partit Laburista fl-ahhar elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li wara l-elezzjoni ta' Marzu, kien gie mahtur Vici Sindku temporanju ghal tliet xhur fejn kien responsabbli ghall-karigi li gejjin: Infrastruttura, Xogholijiet, Gonna u soft Areas, Traffiku, Parking u gwardjani lokali kif ukoll Anzjani. Zied jghid li wara dawn it-tliet xhur, il-kariga tal-Infrastruttura ma baqghetx f'idejh ghalkemm baqa' responsabbli mill-karigi l-ohra.

Huwa kompla billi semma x'kien sar f'kull qasam tar-responsabbiltajiet tieghu.

### Xoghlijiet u Infrastuttura

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien inbeda x-xoghol fuq il-bankini ta' Triq l-Iljun u Triq l-Argotti fejn kienu nstabu diversi problemi l-aktar fejn jidhlu materjal bhal Porfido u l-kurduna tal-Lava. Fit-toroq imsemmija kien sar main gdid tal-ilma kif ukoll xi servizzi ohra godda. Il-Kunsillier Borg semma wkoll li kien gie moghti t-tarmac lil daz-zewg toroq kif ukoll ghoti ta' concrete fejn intuzat ukoll sistema ta' gutter tal-concrete mal-kurduna.

### Bankini

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kienu saru xogholijiet ta' tiswija fuq il-bankini ta' Triq San Publju, Triq il-Miratur, Triq San Frangisk, hdejn Il-Housing Estate ,Triq Antonio Agius, Triq Vilhena u Triq Pietro Floriani. Qal ukoll li l-Kunsill kien talab lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex isir xi xoghol fil-partijiet li jaqghu taht ir-responsabbilta' taghhom.

### Xoghol ta' manutenzjoni fil-qasam tad-djar.

Il-Kunsillier Borg qal kif bhala Vici Sindku kien ta l-parti tieghu biex isiru laqghat mas-CEO tal-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll ma' dawk responsabbli mix-xoghlijiet ta' manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern. Huwa qal ukoll li kienu gew mahtura l-amministraturi tal-binjiet li maghhom kien sar il-kuntratt sabiex isiru ix-xoghlijiet suggeriti minnhom li kienu saru ghas-sodisfazzjoni tal-istess inkwilini.

**Rampa taht il-Logog**

Il-Kunsillier Borg semma kif fuq proposta tieghu kien sar xoghol fuq ir-rampa li hemm fi Triq Sant'Anna fejn din kienet giet spustjata ghas-sigurta' tar-residenti. Huwa zied jghid ukoll kif il-Kunsill kien qabel f'laqgha ricenti biex jitlob lil Transport Malta sabiex titranga wkoll ir-rampa l-ohra.

**Wardens**

Il-Kunsillier Borg qal kif hu jahdem b'mod kontinwu f'dan il-qasam fejn isiru laqghat spissi mad-dirigenti tal-gwardjani lokali u fejn jitressqu diversi ilmenti hafna drabi mressqin mir-residenti, dwar is-servizz tal-gwardjani lokali. Huwa zied jghid li l-Kunsill jesiegi mal-gwardjani lokali biex jaghmlu xogholhom sew u jkunu vigilanti ghat-tidwir tal-hinijiet fuq l-arloggi.

**Traffiku u Parking**

Il-Kunsillier Borg qal li rigward traffiku u parkegg, hu kien ressaq proposta sabiex parti zghira min Triq l-Iljun kif ukoll Triq l-Argotti magenb il-Kurja isiru one way. Qal ukoll li kienet tressqet proposta lil Transport Malta sabiex karozzi privati jkunu jistghu iduru ghal Triq Sant' Anna meta johorgu minn hdejn il-MEPA. Il-Kunsillier Borg qal li kien hemm il-hsieb li jintalab sabiex tigi rrangata il-kantuniera ta' Triq Nazzjonali c/w Pjazza ES Tonna. Qal ukoll li b'mod kontinwu qed ikomplu jitwahhlu tabelli godda u jsir rinfreskar tal-linji tat-traffiku fit-toroq.

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill huwa kontra l-privatizzazzjoni tal-parkeggi u kien ser ikompli jiggieled sabiex dawn jibqghu pubblici. Fost dawn il-parkeggi kien hemm: il-parkegg ta' Triq V. Dimech, tax-Xaghra kif ukoll ta' Triq Hannibal Scicluna u Triq JJ Mangion.

**Gonna u Soft Areas**

Rigward din il-materja, il-Kunsillier Borg qal li kien ha hsieb li ssir zabra b'mod kontinqu tas-sigar li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, Gnien il-Mall u Gnien Preziosi. Qal ukoll li l-Kunsill kien talab lill-MEPA sabiex jitnehhew is-sigar li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, taht it-tarag ta' Triq il-Miratur u dan biex jintrebhu iktar spazji ta' parkegg ghar-residenti. Il-Kunsillier Borg qal li kienet ser issir talba simili biex jitnehhew is-sigar li hemm fi Pjazza ES Tonna quddiem il-Knisja tal-Metodisti minhabba li dawn qed jghattu faccata tant majestuza.

Il-Kunsillier Borg qal li kienu se jitwahhlu xi bankijiet u mwejjed godda fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u fi Gnien Preziosi u dawn sabiex ir-residenti jkollhom iktar kumdita'. Qal ukoll li ser isiru pajpijiet tal-irrigazzjoni fil-KGV kif ukoll ser jitwahhlu pannelli fotovoltaici.

Il-Kunsillier Borg qal li ser tigi rrangata parti mill-KGV fejn hemm il-hsieb li titwahhal see saw ghall-uzu tat-tfal Furjanizi.

Il-Kunsillier Borg qal li madankollu jinsab iddizapuntat bis-sens ta' nuqqas civiku li ghandhom xi nies fejn ihallu lill-klieb taghhom ihammgu barra minghajr ma jigbru warajhom. Qal li l-Kunsill kien ghamel bins apposta izda minkejja dan, xorta wahda kien jithalla l-hmieg barra.

Il-Kunsillier Borg appella wkoll lir-residenti sabiex isir iktar riciklar u skart separat minhabba li l-Floriana kienet wahda mill-inqas lokalitajiet li tirricikla fil-gzejjer Maltin.

**<u>Isle of MTV</u>**

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghal darb'ohra dan il-kuncert kien rega' sar fuq il-Fosos u ghalhekk kien ippropona biex sabiex jitnaqqsu l-abbuzi, jkun hemm iktar mobile toilets u li certu toroq jinghalqu u jkunu mghassa mill-gwardjani lokali. Qal li dawn il-proposti kienu ta' success minhabba li kien naqas sew l-abbuz li kien qed ikun hemm ta' kull sena matul dan il-kuncert.

## 4.0 IL-KUNSILLIER ANTHONY BRINCAT

Il-Kunsillier Anthony Brincat fetah l-introduzzjoni tieghu billi rringrazzja lir-residenti tas-sapport u l-ghajnuna taghhom. Huwa qal li sfortunatament, ftit wara l-elezzjoni tieghu bhala kunsillier fil-Kunsill Lokali Floriana, kien gie moghti ahbar hazina dwar sahhtu u ilu kwazi sena jiehu it-trattamenti l-isptar. Il-Kunsillier Anthony Brincat qal li minkejja dan hu jhoss ir-responsabbilta' li jtejjeb il-lokalita' tal-Floriana u ghalhekk kien ser jipprova kif diga kien qed jaghmel, li jaghti l-massimu tieghu sabiex jaqdi dmirijietu mill-ahjar li jista'. Huwa kompla billi rringrazzja lill-kunsillieri kollha shabu tal-ghajnuna li dejjem tawh.

Wara dan il-Kunsillier Brincat talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jaqra d-diskors li kien ipprepara f'ismu.

**Sahha**

Il-Floriana ghandha popolazzjoni anzjana li maghha ggib sfidi kbar. Gie irrimarkat li wiehed irid jizgura li s-servizz mediku moghti jibqa' wiehed tal-oghla kwalita' u il-Kunsillier Anthoy Brincat jixtieq li jekk hemm xi resident li jixtieq iressaq xi proposti dwar din il-materja, javvicinah bis-suggerimenti tieghu.

**MEPA**

Hemm numru t'applikazzjonijiet ghal zvilupp li kienu qed jitressqu. Gie irrimarkat li l-Kunsill kellu diskussjonijiet mal-MEPA dwar x'fondi jista' jibbenefika minnhom sabiex ikunu jistghu isiru iktar progetti fil-lokalita'.

Grazzi ghall-progett gdid ta' bini fi Triq l-Argotti, issa kien hemm numru ta' residenti godda li gew jghixu gewwa l-lokalita'. Minhabba li kienu nbnew anke garages, dan kien ghen sabiex jigu vakanti numru ta' parkeggi.

Issemma wkoll it-titjib li qed isir fil-blokok tal-Gvern li ser ikompli ghaddej anke matul is-sena li gejja. Il-blokok maghzula ser jintaghzlu permezz ta' polza u li x-xoghol fil-blokok il-godda ghandu jibda dalwaqt.

Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsillier Anthony Brincat kien haqqu capcipa ghax minkejja d-diffikultajiet u l-problemi ta' sahha li kien qed jaffacjja, kien qed jaghmel l-almu tieghu sabiex jattendi l-laqghat u jaghti sehemu. Huwa qal li ghalik il-Kunsillier Brincat kien ta' ispirazzjoni personali u li dejjem ta l-kontribut tieghu mill-ahjar li seta'.

## 5.0 IS-SINDKU NIGEL HOLLAND

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi qal li ser jaghti linja generali ghas-sena d-diehla. Huwa qal li d-dhul tal-Kunsill kien naqas b'mod drastiku u dan minhabba li l-flus tac-citazzjonijiet mahruga fil-Floriana m'ghadux johodhom il-Kunsill izda kienu qed jghaddu ghand ir-Regjun rispettiv. Huwa qal li ghalhekk il-Kunsill kellu biss l-allokazzjoni moghtija mill-Gvern Centrali u xi fondi li seta' japplika ghalihom. Konsegwenza ta' dan, il-Kunsill kien ser ikollu jirridimensjona u janalizza kif ser jintefqu l-flus kif ukoll jirrevedi l-ispejjez rikorrenti sabiex jitnaqqsu l-ispejjez.

Is-Sindku qal li din is-sena kien ser ikun hemm zieda fis-salarji tal-impjegati inkluz iz-zieda ta' salarju gdid marbut mal-impjieg ta' haddiem manwali. Huwa kompla billi rringrazzja lill-istaff tal-Kunsill Lokali Floriana li huwa mghobbi b'hafna xoghol amministrattiv apparti xoghol iehor relatat m'attivitajiet organizzati mill-Kunsill u anke minn entitajiet ohra. Irringrazzja wkoll lill-haddiema assenjati mal-Kunsill mill-ETC u mill-IPSL.

Is-Sindku qal li bhala infiq kapitali kien sar xiri ta' porfido ghall-Balzunetta u dan sabiex din iz-zona jkollha l-bankini kollha taghha bil-porfido u tinzamm il-karatteristika taghha.

Qal ukoll li kien hemm il-hsieb li jigi mniedi progett fejn tinfetah fossa minn fuq il-Fosos u li tigi miksija bil-hgieg u dan biex iservi kemm bhala attrazzjoni turistika u anke bhala interess ghal dawk il-hafna nies li ma lehqux il-Fosos fis-sehh.

Is-Sindku semma wkoll li kien hemm il-hsieb li jsiru xi fanali godda fi Triq l-Argotti u fi Triq l-Iljun u dan biex it-toroq dojoq kollha tal-Floriana jkollhom din il-karatteristika sabiha.

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi tkellem dwar il-progetti li lKunsill Lokali ser jibqa' jahdem fuqhom fil-perjodu li jmiss, fejn semma l-Ameljorazzjoni tal-Gonna ta' Sir Luigi Preziosi u tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, li jinkludi

- Sistema ta' irrigazzjoni gdida
- Modifikazzjoni fil-bandli
- Twahhil ta' pannelli fotovoltaici
- Manutenzjoni u tisbih tal-latrina fejn tinghata dehra moderna u nadifa

**Nota: 20:00 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

Is-Sindku Nigel Holland irringrazzja lil dawn prezenti tal-attendenza taghhom u tal-interess li wrew u stieden lir-residenti biex jaghmlu l-interventi taghhom billi jressqu xi ilmenti, tifhir jew xi suggerimenti ohra ghal gid tal-lokalita'.

**<u>Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :</u>**

**<u>Rose Camilleri</u>** – Qalet li l-proprjeta' li fiha tghix tinsab f'sitwazzjoni hazina hafna fejn ghandha l-ilma jqattar mis-saqaf u minkejja li tkellmet mal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Perit kien baqa' ma giex. Ghalhekk hi talbet l-ghajnuna tal-Kunsill minhabba li thoss li ma setghetx tkompli tghix b'dan il-mod.

*Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li ghalkemm din il-materja taqa' taht id-deskateru tal-Kunsillier Anthony Brincat, kien ser jiehu hsiebha hu u ser jiftiehem maghha sabiex jinzel jara il-kaz personalment.*

**<u>Joe Hili</u>** – Qal li kien hemm bzonn li tinghata attenzjoni lil Triq Sant'Anna minhabba li fix-Xitwa meta tkun ix-xita, wiehed ma jkunx jista' jghaddi minhabba l-ammont t'ilmijiet li jibda' gej mit-triq. Qal li hemm bzonn li jsir xi haga minhabba li wiehed impossibli jaqsam .

*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din it-triq kienet taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Gvern Centrali izda kien ser iressaq l-ilment lil min hu kkoncernat sabiex tittiehed azzjoni.*

**<u>Joe Hili</u>** – Qal li t-tarag li hemm fi Triq is-Suq ikun dejjem mgherreq meta taghmel ix-xita minhabba li jzomm hafna ilmijiet.

*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien ser jinvestiga u jara x'jista' jsir.*

**<u>Joe Hili</u>** – Qal li kien qed isir hafna xoghol f'Balzunetta izda kien hemm bzonn li tinghata attenzjoni wkoll lill-parti l-ohra tal-Floriana. Semma li l-bankina ta' Triq il-Kapuccini ghalkemm m'iliex li saret, kienet tizloq hafna u wiehed kien qed jistenna li jkun hemm xi incident gravi.

*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien ser jinvestiga u jara x'jista' jsir.*

**<u>Joe Hili</u>** – Saqsa jekk il-Kunsill kienx prezenti meta l-MEPA approvat li jsir tarag iehor min-naha tal-Valletta Waterfront li jaghti dirett ghall-Belt Valletta. Qal li ma jarax il-bzonn li jsir tarag iehor meta diga hemm tarag u dan anke minhabba li b'dan il-mod jitnaqqsu n-nies li jghaddu mill-Floriana. Huwa talab lill-Kunsill sabiex iressaq l-oggezzjoni tieghu fuq din il-bazi.

*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill issoltu jkun informat b'dawn id-decizjonijiet. Qal ukoll li l-Kunsill kellu l-konsulenti tieghu li johdulu hsieb l-applikazzjonijiet tal-MEPA u ghalhekk ghandu jivverifika x'kienu kkumentaw il-konsulenti tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni.*

**Joe Hili** – Irringrazzja lill-Kunsill tal-hasil ta' bankini li sar u ppropona li l-hasil jibqa' jsir kultant zmien specjalment meta jkun qed joqrob is-Sajf u quddiem proprjetajiet maghluqa.

**Nota: 20:10 Il-Kunsillier Anthony Brincat rega' attenda ghal-laqgha.**

**Sandra Sammut Hili** – Ghamlet riferenza ghall-proposta tal-Kunsill u saqsiet jekk it-trasport pubbliku kienx ser jieqaf jghaddi minn Triq il-Kapuccini.

*Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-proposta tal-Kunsill kienet biss dwar heavy vehicles u ghalhekk trasport pubbliku kien ser ikun jista' jghaddi minn Triq il-Kapuccini bhal qabel.*

**Sandra Sammut Hili** – Ipproponiet li jinghata t-tarmac fil-parti magenb il-Kunvent tal-Kapuccini.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li diga kienet intalbet stima biex din issir.*

**Nota: 20:12 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

**Sandra Sammut Hili** – Saqsiet jekk kinietx ser issir ir-rampa magenb il-Floriana Health Centre.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li din kienet ser issir tal-concrete minflok tat-tarmac.*

**Sandra Sammut Hili** – Saqsiet jekk iz-zona ta' taht il-forka kinietx proposta fil-programm elettorali tal-Partit Laburista.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb fil-pozittiv.*

**Nota: 20:00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

**Sandra Sammut Hili** – Qalet li hafna proposti u mozzjonijiet validi qeghdin jigu approvati fil-laqghat izda minkejja dan, qed idumu hafna biex isiru. Tat l-ezempju tat-tabelli li jindikaw id-direzzjoni ghall-port u qalet li ma jistax ikun li xi haga ddum xhur biex tidhol fis-sehh.

**Josette Hili** – Saqsiet dwar l-anzjani u dwar jekk kienx sar xi progress.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kien iltaqa' mal-Floriana Senior Citizens u mad-Dar tal-Anzjani fejn tkellmu dwar xi problemi li issa kienu gew solvuti. Qal ukoll li kien tkellem ma' Robbie Mamo sabiex jigi fformulat ezatt programm dwar x'ser isir ghall-anzjani. Qal li wahda mill-proposti kienet li l-karta r-roza tkun tista' tiggedded fil-Floriana minflok biss fil-Belt Valletta, proposta li giet mghoddija u ghad trid tigi approvata mill-entita' kkoncernata.*

**Josette Hili** – Ipproponiet li jsir railing mar-rampa li hemm fi Triq Sant'Anna.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li r-rampa kienet giet mtawwla ftit u saret iktar baxxa minhabba li kienu qed jizolqu hafna anzjani fiha. Qal ukoll li ser jigi propost lill-MRRA sabiex isir ix-xoghol fuq ir-rampa l-ohra fl-istess triq.*

**Nota: 20:08 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

**Sandra Sammut Hili** – Ghamlet riferenza ghal proposta li giet approvata mill-Kunsill biex tar-registrar ikollhom sessjoni fil-lokalita' darba f'xahar. Qalet ukoll li huwa importanti li l-Kunsill jaghmel follow ups u mhux biss jibghat email.

*Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienu saru diversi follow ups fejn hu kien kiteb diversi drabi izda kien baqa' ma nghatax risposta. Is-Sindku zied li ghandha ssir follow up ta' din il-materja permezz tat-telefon ladarba l-Kunsill kien baqa' ma nghatax risposta.*

**Joe Hili** – Ghamel riferenza ghall-proposta ta' twaqqif ta' heavy traffic minn Triq il-Kapuccini.

*Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li s-suggeriment mghoddi mill-Kunsill kien li l-vetturi jghaddu minn toroq differenti. Qal ukoll li f'dan l-istadju l-Kunsill kien qed jistenna li jircievi risposta ghat-talba tieghu lill-Transport Malta. Huwa qal li s-suggeriment kien li l-karozzi jghaddu minn Triq Sant'Anna, minn Pjazza San Kalcidonju jew minn Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra u dan sabiex dawn il-vetturi jitnehhew mit-toroq residenzjali.*

*Il-Kunsillier Vincent Borg xtaw jikkjarifika li hu ma kienx ivvota favur din il-proposta ghax ihoss li din se titfa' piz ikbar fuq toroq residenzjali ohra bhalma hi Triq San Frangisk.*

**<u>Joe Hili</u>** – Qal li peress li ghandu l-imhazen fi Triq il-Kapuccini jinsab inkwetat kif ser jghabbi mill-imhazen jekk mhux ser jithallew jghaddu vetturi kbar.

*Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li heavy vehicles huma vetturi li jiznu iktar minn hames tunnellati u ghalhekk zgur li ma kinietx ser tinhooq problema ghall-vannijiet tal-merkanzija.*

**<u>Tmiem il-laqgha:</u>**

Il-laqgha ntemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Nigel Holland** | **Svetlick J. Flores** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |